# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Lulju 2000**

**Numru 27**

**Citaz. numru 884/95 DS**

Philip Petroni bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-Socjeta' Elbas Limited.

vs

Christine mart Mark Anthony Zammit u Noel ahwa Petroni bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` A & A Petroni Limited

Illum, 24 ta' Lulju 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-23 ta' Gunju 1995 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi bi skrittura datata 9 ta' April 1994 is-socjeta' konvenuta kkostitwiet ruhha debittrici versu l-attur nomine fis-somma ta' tmenin elf lira Maltija (Lm80,000);

Illi skond dikjarazzjoni sussegwenti datata 12 ta' April 1994, l-ammont sueespost gie ridott ghall-hamsa u sittin elf lira Maltija (Lm65,000);

Illi l-konvenuti nomine naqsu li jottemporaw ruhhom mat-termini tal-precitat ftehim, essenzjalment il-hlas tar-rati mensili hemm pattwit;

Illi in vista' tad-dekadenza da parte tas-socjeta' konvenuta l-ammont intier huwa ghalhekk esigibbli;

talab lil din il-Qorti:

1. tiddeciedi skond it-talba tal-attur nomine bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' sitta u hamsin elf lira Maltija (Lm65,000) ai termini tal-iskrittura ta' ftehim tad-9 ta' April 1994 u sussegwenti dikjarazzjoni tat-12 ta' April 1994;

Bl-interessi mid-9 ta' April 1994 u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Mejju 1995 u tal-ittra interpellatorja tal-15 ta' April 1995, u tal-mandati ta' sekwestru u ta' qbid presentati kontestwalment ma; din ic-citazzjoni kontra l-konvenuti nomine ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Christine Zammit nomine fejn qalet:

1. Illi l-iskrittura tad-9 ta' April 1994 bl-ebda mod ma tista torbot lis-socjeta' konvenuta stante li mhix iffirmata minn direttur tal-istess socjeta' jew persuna awtorizzata biex tiffirma l-istess skrittura.

2. Fi kwelunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-ammont pretiz mill-attur nomine mhux dovut stante li permezz ta' skrittura ohra datata ukoll 9 ta' April 1994 il-partijiet reciprokament taw kwittanza lil xulxin minn kwalunkwe pretenzjoniji li seta kellhom kontra xulxin (Dok. "A").

Ghaldaqstant it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

Rat id-digriet tas-27 ta’ Gunju 1995 fejn inhatar l-assistant gudizzjarju Dr. Paul Caruana Caruana biex jisma’ l-provi kollha;

Rat il-verbali tax-xhieda mismugha u l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

L-attur nomine qieghed jitlob li l-konvenuti nomine jigu kundannati jhallsuh is-somma ta' Lm65,000 a tenur ta' skrittura datata id-9 ta' April 1994 u dikjarazzjoni sussegwenti datata it-12 ta' April 1994. Huwa esebixxa kopja ta' l-iskrittura tad-9 ta' April 1994 (Dok. A) bejn Philip Petroni ghas-socjeta` Elbas Ltd, cioe` l-attur nomine, u Alfred Petroni ghas-socjeta` A & A Petroni Ltd, u li tikkonsisti f'kostituzzjoni ta' debitu ghas-somma ta' Lm80,000. Esebixxa wkoll dikjarazzjoni maghmula minnu stess izda fuq letterhead tas-socjeta` konvenuta u datata 12 ta' April 1994 fejn irrefera ghall-iskrittura tad-9 ta' April 1994 u rriduca l-imghaxijiet minn 8% ghal 5% u s-somma kapitali ghal Lm65,000.

L-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta huma tnejn: (1) li l-iskrittura tad-9 ta' April 1994 ma torbotx lis-socjeta` konvenuta peress li mhix iffirmata minn direttur ta' l-istess socjeta` jew persuna awtorizzata biex tiffirma l-istess skrittura, u (2) li fi kwalunkwe kaz il-partijiet reciprokament taw kwittanza lil xulxin bi skrittura ohra tad-9 ta' April 1994.

<u>Dwar l-ewwel eccezzjoni</u>

Ma' l-affidavit tieghu l-attur nomine stess ipprezenta bhala Dok. E kopja vera tal-Form K mnejn jirrizulta li fil-21 ta' Marzu 1994 Alfred Petroni kien irrizenja minn direttur ta' A & A Petroni Ltd. Mill-istess dokument jirrizulta li r-Registratur tas-Socjetajiet ircieva dak id-dokument fit-8 ta' April 1994 u li l-informazzjoni giet pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-17 ta' Gunju 1994.

L-attur nomine esebixxa wkoll ma' l-affidavit tieghu dawn id-dokumenti:

Dok. A : kopja identika ta' l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu annessa mac-citazzjoni hemm immarkata bhala Dok. B.
Dok. B : konvenju redatt quddiem in-Nutar John Spiteri ghall-bejgh ta' showroom mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta fl-ammont ta' Lm160,000.
Dok. C : elenku ta' mobbli li s-socjeta` attrici ppromettiet li tbiegh u s-socjeta` konvenuta li tixtri ghall-prezz ta' Lm61,000.
Dok. D : dikjarazzjoni ta' Alfred Petroni ghal A & A Petroni Ltd fejn jidher li l-partijiet ftehmu li jkunu rilaxxati minn kull dejn reciprokament dovut mill-kumpaniji rispettivi taghhom.

Dawn id-dokumenti huma kollha datati id-9 ta' April 1994.

Il-kontestazzjoni tas-socjeta` konvenuta hija ffokata fuq il-validita` ta' l-iskrittura tad-9 ta' April 1994 li permezz taghha Alfred Petroni ghan-nom tas-socjeta` konvenuta kkostitwixxa lill-istess socjeta` debitrici favur is-socjeta` attrici fl-ammont ta' Lm80,000.

L-attur nomine fl-affidavit tieghu qal: *"Alfred Petroni dejjem taghni x'nifhem u kien jikkonferma li hu direttur tas-socjeta` konvenuta. Infatti huwa ddikjara ruhu f'dik il-kapacita` meta ffirma l-iskritturi msemmija u hekk dejjem gab ruhu fit-trattativi precedenti."* Huwa spjega wkoll, b'referenza ghad-Dok. E, illi kien umanament impossibbli ghalih ikun jaf bir-rizenja ta' Alfred Petroni minn direttur fid-data tal-ftehim stante li r-Registratur tas-Socjetajiet kien gie notifikat bil-bdil gurnata qabel biss, cioe` fit-8 ta' April 1994, u l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kienet saret fis-17 ta' Gunju 1994.

Da parti tieghu Alfred Petroni xehed li l-attur kien jaf fil-mument ta' l-iffirmar illi hu ma kienx direttur tas-socjeta` konvenuta u li kien jghid lill-attur sabiex jirranga mat-tfal tieghu (ta' Alfred Petroni) sabiex jaslu ghall-kuntratt.

Mix-xhieda hemm indikazzjoni li sad-9 ta' April 1994 id-diskussjonijiet kienu principalment bejn Alfred Petroni u Philip Petroni u illi kien biss wara din id-data li Alfred Petroni nsista ma' l-attur li jmur jirranga mat-tfal. Ta' min jinnota pero` x-xiehda moghtija bl-affidavit ta' Anthony Cassar, l-awditur tas-socjeta` attrici, fejn ighid li f'Settembru 1994 (mela madwar hames xhur wara l-iffirmar ta' l-iskritturi msemmija) saret laqgha ghandu fejn kienu prezenti l-attur ghas-socjeta` attrici kif ukoll Alfred Petroni flimkien ma' bintu Christine Zammit ghan-nom ta' A & A Petroni Ltd sabiex jigu diskuss id-debitu pendenti. Jirreferi wkoll ghal diskussjonijiet ohra sussegwenti li saru bejn Alfred Petroni u Philip Petroni fl-ufficcju tieghu.

Ma hemm l-ebda dubju li sad-data indikata fil-Form K Alfred Petroni kien direttur tas-socjeta` A & A Petroni Ltd. Mix-xhieda prodotti jirrizulta wkoll li fil-kwistjoni *de quo* huwa kellu partecipazzjoni qawwija u l-attur nomine dejjem kien jindirizza lilu dwarha. Jigi osservat ukoll li Alfred Petroni u Philip Petroni huma ahwa. Fil-laqghat ghand l-awditur, Alfred Petroni mhux biss kien prezenti izda kellu sehem attiv fid-diskussjonijiet ghan-nom tas-socjeta` konvenuta. Ghalkemm hemm konflitt fix-xiehda dwar jekk Alfred Petroni kienx informa lill-attur dwar ir-rizenja tieghu, il-mistoqsija tigi wahedha: ghaliex Alfred Petroni ghazel li fid-9 ta' April 1994 jiffirma d-dokumenti kollha li saret riferenza ghalihom, fosthom il-kostituzzjoni ta' debitu? Ghaliex iddikjara fl-

iskritturi kollha, sahansitra quddiem ufficjal pubbliku (in-Nutar John Spiteri) ghal dak li jirrigwarda l-konvenju, li kien qieghed jidher **"for and on behalf of A AND A PETRONI LIMITED, duly so authorised by virtue of a company resolution"**? Id-dokumenti gew kollha ffirmati fl-istess gurnata u Alfred Petroni ma hassx in-necessita` li jqajjem punt daqshekk krucjali almenu quddiem in-Nutar.

Fil-kamp kummercjali hemm il-massima uberrima fidei fl-osservanza ta' obbligi kontrattwali. Philip Petroni kien qieghed jittratta ma' persuna li kien huh u li kien dejjem jafu fil-kariga ta' direttur tas-socjeta` konvenuta. L-attur nomine xehed li kien sorpriz li dan il-punt tqajjem fl-eccezzjonijiet u kien ghalhekk li mar jivverifika mar-Registratur tas-Socjetajiet. U dak li qal ghandu jitwemmen peress li fl-ebda istanza ma gie allegat mill-konvenuti li waqt id-diskussjonijiet li saru qabel ma giet intavolata c-citazzjoni nqalghet il-kwistjoni li l-iskritturi kienu nulli ghax iffirmati minn persuna mhux awtorizzata. Ghalhekk hemm lok ta' applikazzjoni tal-principju *omnia praesumuntur rite esse acta* u l-ewwel eccezzjoni hi konsegwentement michuda.

Dwar it-tieni eccezzjoni

F'din l-eccezzjoni l-konvenuti nomine ma jallegawx li l-iskrittura Dok. D ( u li huma annettew kopja taghha bhala Dok. A man-nota ta' l-eccezzjonijiet) hija nulla. Anzi jenfasizzaw l-applikabilita` taghha. Peress li din l-iskrittura giet ukoll iffirmata minn Alfred Petroni ghan-nom tas-socjeta` konvenuta, mhuwiex koncepibbli li skrittura wahda (dik ta' kostituzzjoni ta' debitu), ghax ma tghogobx lil parti, tigi kkunsidrata nulla u skrittura ohra ffirmata mill-istess persuna f'isem l-istess socjeta` titqies valida. Naturalment ghar-ragunijiet ga' migjuba, din l-iskrittura hija wkoll valida. Il-Qorti tifhem pero` li tali skrittura, iffirmata bhat-tlieta l-ohra fid-9 ta' April 1994, ma tirreferix ghall-kostituzzjoni ta' debitu li sar fl-istess jum izda ghal kull dejn iehor pendenti bejn is-socjetajiet imsemmija fl-istess skrittura. Tant hu hekk li tlett ijiem wara, u cioe` fit-12 ta' April 1994, saret id-dikjarazzjoni mill-attur nomine fejn rrefera ghall-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu u rriduca l-kapital u l-imghax kif suriferit. Ghalhekk ma jistax jinghad li l-iskrittura ta' kwittanza rrilaxxjat lis-socjeta` konvenuta mill-obbligi taghha rigwardanti s-somma msemmija. B'hekk it-tieni eccezzjoni hi wkoll michuda u ghaldaqstant it-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti nomine biex ihallsu lill-attur nomine s-somma ta' Lm65,000 kif mitlub ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' Lm65,000 ai termini ta' l-iskrittura tad-9 ta' April 1994 u sussegwenti dikjarazzjoni tat-12 ta' April 1994. Bl-imghax u bl-ispejjez kif mitlub kontra l-konvenuti nomine.

**Onor. Imhallef**
**Dottor David Scicluna**

**D/Registratur**